**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kump. Numru: 15/2025**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Audrey Micallef)**

**-Vs-**

**MAJA DEGABRIELE**

**Illum, 9 ta' Jannar 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **MAJA DEGABRIELE** ta' sebgħa u tletin (37) sena, bint Tomislav Randjlovic u Sladjana Randlijovic, imwielda ….., akkużata:-

Talli nhar it-tlieta (3) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) bejn il-ħinijiet tal-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar (16:30) u t-tmienja ta' filgħaxija (20:00) fil-fond 186, Sant'Anna, Triq l-Iskal, Marsaskala, ibagħad aktar tard fi bnadi oħrajn

f’dawn il-Gżejjer, b’diversi atti magħmulin, għalkemm f’ħinijiet u postijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjonijie tal-Liġi u li twettqu b’riżoluzzjoni waħda:-

1. Ikkaġunat lil omm ir-raġel tagħha, ċioe’ Natalina Degabriele, biża’ li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta’ tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta’ ta’ xi ħadd mill-axxendenti jew mid-dixxendenti tagħha u liema delitt sar fil-prezenza tal-minuri Deniro Degabriele;

2. Volontarjament ħassret jew għamlet ħsara jew għarrqet jew ħwejjeġ ħaddieħor, inter alia kitla, sett tat-televiżjoni u xi għamara fil-fond 186, Sant’Anna, Triq l-Iskal, Marsaskala, liema fond jappartjeni lil omm ir-raġel tagħha, jiġifieri Natalina Degabriele, u liema ħsara tammonta għal aktar minn mitejn u ħamsin Ewro (€250) iżda mhux aktar minn elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500);

3. Ħebbet għal Natalina Degabriele sabiex tinġurjaha, iddejjaqha jew tagħmillha ħsara b’xi mod;

4. Ħebbet għal Joseph Degabriele sabiex tinġurjah, iddejqu jew tagħmillu ħsara b’xi mod;

5. Għamlet inġurji jew theddid mhux imsemmijin band’oħra fil-Kodiċi Kriminali jew, jekk kienet ipprovokata, inġurjat b’mod li ħarġet il’ barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

6. Volontarjament kisret il-paċi pubblika u/jew il-bon-ordni b’għajjat u/jew ġlied.

7. F’lok pubbliku jew f’post għall-pubbliku, kienet fis-sakra b’mod li ma kinitx tista’ tieħu ħsieb tagħha nnifisha;

8. Volontarjament qalet fil-pubbliku xi kliem ossen jew indiċedenti, jew għamlet atti jew ġesti oxxeni, jew b’xi mod ieħor mhux ipprovdut fil-Kodiċi Kriminali offendiet il-morali, l-imġieba xierqa jew id-diċenza pubblika;

U aktar talli fl-istess żmien, kemm fil-lokalita’ ta’ Marsaskala u/jew f’postijiet oħrajn f’dawn il-Gżejjer, inkluż fl-Isptar Mater Dei::-

9. F'każijiet oħra mhux imsemmija fl-artikoli preċedenti tal-Kodiċi Kriminali, inġurjat jew heddet jew għamlet offiża fuq persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku cioe' PS 2033 Naomi Borg, PC2 Glenn Ellul, PC 281 Damien Scott MacKay u PC 203 Wayne Azzopardi, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li tbezzagħhom jew li tinfluwixxi fuqhom konra l-liġi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;

10. Attakkat jew għamlet reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb , ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, cioe' PS 2033 Naomi Borg, PC2 Glen Ellul, PC281 Damien Scott MacKay u PC203 Wayne Azzopardi, waqt li kienu qegħdin jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skont il-liġi minn awtorita' kompetenti;

11. Ma obdietx l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' persuni inkarigati minn servizz pubbliku, cioe' naqset li tobdi lil PS2033 Naomi Borg, PC2 Glen Ellul, PC281 Damien Scott MacKay u PC 203 Wayne Azzopardi jew ma ħallihomx jew fixkilthom waqt li kienu qegħdin jagħmlu dmirijiethom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħlet fi dmirhom, jew billi ġabet fix-xejn jew ħassret dak li ħaddieħor kien għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, fejn dik id-diżubbidjenza jew dak l-indħil ma jaqa' taħt ebda dispożizzjoni oħra tal-liġi;

12. Mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' PC281 Damien Scott MacKay f'periklu ċar, volontarjament ikkaġunat ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu, cioe' offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' uffiċjal pubbliku u persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku jew li hija uffiċjal jew impjegata ta' korp kostitwit b'liġi, u r-reat sar minħabba li dik il-persuna cioe' PC281 Damien Scott MacKay, għamlet id-dmirijiet tal-kariga tagħha, u hekk kif iċċertifikat mit-tabib Matthew Grech (reġistru mediku numru 8250) miċ-Ċentru tas-Saħħa tar-Raħal Ġdid;

13. Volontarjament ħassret jew għamlet ħsara jew għarrqet ħwejjeġ ħaddieħor, cioe' nuċċali tal-vista appartenenti lil PC 281 Damien Scott MacKay, liema

ħsara tammonta għal aktar minn mitejn u ħamsin Ewro (€250) iżda mhux aktar minn elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500);

14. Volontarjament ħassret jew għamlet ħsara jew għarrqet ħwejjeġ ħaddieħor, cioe' l-vettura tal-għamla u l-mudell Hydundai Tucson, proprjeta' tal-Gvern ta' Malta (vettura immarkata), targata GVP830, liema ħsara tammonta għal aktar minn mitejn u ħamsin Ewro (€250) iżda mhux aktar minn elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500);

15. Ikkaġunat lil PC281 Damien Scott MacKay, li huwa uffiċjal pubbliku u/jew persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, biża' li ser tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tiegħu;

16. Ikkaġunat lil PS2033 Naomi Borg, li hija uffiċjal pubbliku u/jew persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' tagħħa jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tagħħa;

17. Remiet, ħalliet, tefgħet jew iddepożitat żibel f'post pubbliku, baħar, triq jew spazju li għalih il-pubbliku għandu aċċess, cioe' beżqet xi sustanza jew neħħiet maħta mill-imnieħer, jew ħalliet jew iddepożitat eskreta materjali tal-bniedem, inkluż vomtu, jew ħalliet jew iddepiżitat xi eskreta materjali tal-annimali, versu l-persuna ta' PS2033 Naomi Borg, li huwa uffiċjal pubbliku u/jew persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku;

18. Remiet, ħalliet, tefgħet jew iddepożitat żibel f'post pubbliku, baħar, triq jew spazju li għalih il-pubbliku għandu aċċess, cioe' beżqet xi sustanza jew neħħiet maħta mill-imnieħer, jew ħalliet jew iddepożitat eskreta materjali tal-bniedem, inkluż vomtu, jew ħalliet jew iddepiżitat xi eskreta materjali tal-annimali, versu l-persuna ta' PC2 Glen Ellul, li huwa uffiċjal pubbliku u/jew persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku;

19. Bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħsieb, waddbet jew xeħtet ilma jew ħwejjeġ

oħra maħlula jew ħmiġijiet (żebgħa) fuq il-persuna ta’ PC 281 Damien Scott MacKay, li huwa uffiċjal pubbliku u/jew persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex;

i. Pendente lite tħaddem kontra l-imputata d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali favur il-persuni leżi kollha u/jew il-familjari tagħhom;
ii. Kemm il-darba tinstab ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom, tħaddem kontra l-ħatja d-dispożizzjonijiet tal-Art. 382A u 383 tal-Kodiċi Kriminali.
iii. Kemm l-darba tinstab ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom, tħaddem konra l-ħatja d-dispożizzjonijiet tal-Art. 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur taqra l-akkuzi u tikkonfermahom bil-ġurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semgħet lill-imputata waqt l-eżami bla ġurament, twieġeb li hija ħatja;

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tagħha u kkonċeditilha ħin biex tirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta’ htija u sabiex terga’ tikkonsulta mad-difensur tagħha wara li spjegatilha n-natura u s-serjeta` tal-reati li tinsab mixlija bihom;

Semgħet lill-imputata tikkonferma d-dikjarazzjoni tal-ħtija tagħha, u dan wara li wissietha wkoll dwar il-konsegwenzi tal-ammissjoni u tad-dikjarazzjoni ta’ ħtija u l-piena erogabbli;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, fil-preżenza tal-Avukat difensur tagħha, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tagħha u kif minnha ammessi.

Ghall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom il-gravita' tar-reati senjatament ir-reati taħt l-artikoli 95 u 96 tal-Kodiċi Kriminali li ġew kommessi fil-konfront ta' xejn inqas minn erba' uffiċjali tal-Pulizija li kienu qed jagħmlu dmirijiethom meta marru jinvestigaw argoment domestiku li kien ġie rapportat li qed iseħħ fir-residenza fejn l-imputata, żewġha u binhom jgħixu mal-vittmi ċioe' l-kunjati tal-imputata, Natalina Degabriele u Joseph Degabriele.

Il-Qorti tiddeplora u tikkundanna bl-iktar mod qawwi kull att ta' sfida *multo magis* vjolenza ta' kull xorta fil-konfront tal-forzi tal-ordni ta' pajjiżna li jwettqu rwol daqshekk fondamentali fil-protezzjoni tal-komunita' meta kuljum jaħbtu wiċċhom ma' perikolu u sfidi biex għall-benefiċċju ta' kull ċittadin bil-għan li jieħdu ħsieb li s-soċjeta' li ngħixu fiha tkun waħda sigur u biex jiġi assigurat id-dixxiplina u ordni li tant hemm bżonnhom fis-soċjeta' mqanqla tal-lum. Għalhekk ma tistax ma tqisx bl-iktar mod gravi l-manifestazzjoni ta' vjolenza fil-konfront tal-uffiċjali tal-Pulizija li jistħoqqilhom l-ikbar rispett.

Iżda fl-istess waqt il-Qorti ma tistax twarrab il-fatt illi l-imputata refgħet ir-responsabbilita' għall-konsegwenzi ta' egħmilha minnufih u ripetutament skużat ruħha u wriet sogħba għal egħmilha u talbet, anke quddiem il-Qorti, apoloġija lill-uffiċjali kollha tal-Pulizija involuti, u ddikjarat ukoll diversi drabi li hija lesta tagħmel tajjeb u tħallas għad-danni kollha li kkaġunat lill-vittmi.

Qieset fuq kollox il-fatt li l-ammissjoni saret fl-iktar stadju bikri waqt il-preżentata u fuq kollox, il-fatt li l-imputata għandha fedina penali kompletament netta.

Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi dan jidher li kien inċident ta' darba, il-fatt li ma jirriżultax li l-imputata hija persuna aggressiva jew vjolenti, kif ukoll il-fatt – kif jirriżulta mis-sottomissjonijiet li saru mill-Prosekuzzjoni - li l-imputata ma tixrobx u x-xorb alkoħoliku ma jaqbilx magħha, tbati minn problemi psikoloġiċi u kienet għamlet żmien ukoll tiġi rikoverata fl-Isptar Mount Carmeli minħabba ansjeta', u setgħet kienet ukoll hi stess il-vittma ta' vjolenza domestika.

Kollox magħdud, il-Qorti tqis illi fiċ-ċirkostanzi ma jistħoqqx li l-imputata tingħata piena karċerarja għaliex temmen li m'għandhiex karattru kriminali u temmen ukoll li bħala persuna li wriet maturita' meta refgħet minnufih il-konsegwenzi ta' egħmilha u hija evidentement dispjaċuta li ġabet ruħha b'mod aggressiv u vjolenti, u bħala persuna bieżla li taħdem u tipprovdi waħedha għal familtha, għandha tingħata l-opportunita' li tirriforma ruħha f'każ li dan l-inċident kien xprunat – kif del resto fehmet il-Qorti – minn problemi domestiċi u jew psikoloġiċi. Fil-fehma tal-Qorti, l-imputata hija kandidata idonea għal sanzjoni fil-komunita' u tqis illi s-sorveljanza tagħha minn uffiċjal tal-Probation hi neċessarja sabiex hija tista' tingħata l-għajnuna professjonali li jista' jkun hemm bżonn biex tindirizza b'mod strutturat il-problemi u sfidi familjari u psikoloġiċi li jidher li jeżistu fil-ħajja tagħha, sabiex ma terġax tirkorri għall-kriminalita'. Għaldaqstant, billi hija sodisfatta li s-sorveljanza tal-imputata minn uffiċjal tal-probation hija mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tal-ħati, li jiġi protett il-pubbliku minn xi dannu li tista' tagħmel u li jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra, sejra tqiegħed lill-imputata taħt Ordni ta' Probation għaż-żmien massimu permess mil-liġi.

Madankollu, fl-istess waqt għandha wkoll tiġi kkundannata tagħmel tajjeb għall-ħsara kaġonata b'konsegwenza tal-kommissjoni tar-reati. Fir-rigward, il-Qorti tosserva illi filwaqt li nġiebet prova kif imiss fl-atti dwar il-ħsara kkaġonata fin-nuċċali ta' PC 281 Damien Scott MacKay fis-somma ta' €310, il-vittma Natalina Degabriele naqset milli

tipprovdi lill-Pulizija stima tal-ħsarat li ġew ikkaġonati fil-ħwejjeġ tagħha, minkejja li ġiet mitluba tagħmel dan. Ma jirriżultax lanqas il-valur tal-ħsarat ikkaġonati fil-vettura tal-Pulizija b'riżultat tad-daqqa ta' sieq mill-imputata fil-bieba tal-istess vettura u għalhekk, il-Qorti ma tistax tordna l-ħlas lill-Gvern ta' Malta u lil Natalina Degabriele tad-danni kif maħsub taħt l-artikolu 24 tal-Att dwar il-Probation jew l-artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali.

**Għal dawn il-motivi kollha, wara li rat id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 17, 18, 31, 95, 96(a), 221(1), 222(1)(ċ), 251(3), 325(1)(b), 338(bb), 338(dd), 338(ee), 338(ff), 339(1)(d), 339(1)(e), 339 (1)(f) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolament 4 u l-Ewwel Skeda (paragrafu e) tal-Leġislazzjoni Sussidjarju 549.40, issib lil MAJA DEGABRIELE ħatja fuq ammissjoni tagħha stess tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontriha, u bl-applikazzjoni tal-artikolu 7(1) u 7(2) tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tqiegħed lill-ħatja taħt Ordni ta' Probation għal żmien tliet (3) snin.**

**Il-Qorti fissret lill-ħatja, bi kliem li hija tifhem, x'ikun l-effett tal-Ordni tal-Probation u li jekk hija tonqos milli tikkonforma ruħha magħha jew tagħmel xi reat ieħor, tista' tingħata sentenza għar-reat oriġinali u l-ħatja esprimiet ir-rieda tagħha li tikkonforma mal-ħtiġiet ta' dik l-Ordni.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħatja għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Natalina Degabriele u Joseph Degabriele għal żmien sentejn.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali, torbot lill-ħatja b'obbligazzjoni tagħha nnifisha għall-ħlas tas-somma ta' elfejn Euro għal żmien tnax-il xahar, biex iżżomm il-paċi u l-bon ordni pubblika u wkoll biex ma timmolestax lil PC 281 Damien Scott MacKay, PS 2033 Naomi Borg, PC2 Glen Ellul u PC 203 Wayne Azzopardi.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 24 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħatja, MAJA DEGABRIELE, tħallas lil PC 281 Damien Scott MacKay is-somma ta' tliet mija u għaxar Euro (€310) b'kumpens għad-danni kkaġonati lilu b'riżultat tar-reat. Din l-ordni tista' tiġi infurzata bl-istess mod bħallikieku din kienet ingħatat f'azzjoni ċivili bejn il-ħati u l-persuna lil min id-danni jew il-kumpens jiġu ordnati li għandhom jitħallsu.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni tal-Probation u l-Ordni ta' Trattament jintbagħtu lid-Direttur tad-Dipartiment tas-Servizzi tal-Probation u Parole.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat ukoll lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jiehu konjizzjoni tal-Ordni ta' Trazzin.**

**Tordna li l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess b'mezzi elettoniċi għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza fi żmien sitt ijiem tax-xogħol a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**